PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0209/2010**

25.6.2010

*******

# RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun dwar l-assistenza legali reċiproka f'materji kriminali

(05308/2010 – C7-0029/2010 – 2009/0188(NLE))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Salvatore Iacolino

PR_AVC_art90

***Tifsira tas-simboli użati***

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

NOTA SPJEGATTIVA ..........................................................................................................6

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....................................................9

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun dwar l-assistenza legali reċiproka f’materji kriminali (05308/2010 – C7-0029/2010 – 2009/0188(NLE))**

**(Proċedura ta’ approvazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun dwar l-assistenza legali reċiproka f’materji kriminali (15915/2009),

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (05308/2010),– wara li kkunsidra l-Artikolu 82(1), it-tieni subparagrafu, punt (d) u l-Artikoli 218(6) it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0209/2010),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Ġappun.

## NOTA SPJEGATTIVA

**1. Il-kuntest tal-Ftehim.**

Il-globalizzazzjoni li tikkaratterizza l-mument storiku li għaddejjin minnu qed tidher fis-setturi kollha tal-ħajja ta' kuljum, inkluż f'dak tal-kriminalità.

L-istatistiċi dwar il-proċeduri ta' kooperazzjoni legali f'materji kriminali bejn l-Istati Membri individwali u l-Ġappun juru li minkejja n-nuqqas ta' qafas legali, l-awtoritajiet legali Ewropej u Ġappuniżi jeħtiġilhom jikkooperaw flimkien.

Fi Frar 2009, b'kunsiderazzjoni tan-nuqqas ta' trattati bilaterali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Ġappun u konxju mill-benefiċċji ta' qafas legali armonizzat u koerenti, il-Kunsill awtorizza l-ftuħ tan-negozjati għall-konklużjoni ta' Ftehim dwar l-assistenza legali f'materji kriminali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun.

Il-Kunsill awtorizza l-iffirmar ta' dan il-Ftehim b'Deċiżjoni tat-30 ta' Novembru 2009, fuq il-bażi tal-Artikoli 24 u 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-Parlament intalab jagħti l-approvazzjoni tiegħu kif stipulat fl-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

**2. L-ambitu tal-Ftehim.**

Il-Ftehim issawwar skont ftehimiet ta' kooperazzjoni legali oħrajn konklużi fil-passat u li ttrattaw, b'mod partikolari, il-kooperazzjoni fit-twettiq tal-inkjesti u l-ksib tal-provi, kif ukoll attivitajiet oħra bħan-notifika tal-komunikazzjonijiet fil-pajjiż rikjest.

Fost id-dispożizzjonijiet l-aktar importanti tal-ftehim hemm il-ġbir ta' xhieda jew dikjarazzjonijiet, kif ukoll il-possibilità tal-użu tal-vidjokonferenza għal seduti ta' smigħ; il-ġbir ta' reġistrazzjonijiet, dokumenti jew rendikonti bankarji jew ukoll is-sejbien jew l-identifikazzjoni ta' persuni, u t-turija ta' provi li jinsabu f'idejn l-awtoritajiet leġiżlattivi, amministrattivi jew ġudizzjarji tal-Istat Membru rikjest jew l-awtoritajiet lokali tiegħu.

Il-Ftehim jistipula wkoll il-proċeduri għan-notifka ta' dokumenti u informazzjoni li jikkonċernaw it-taħrik fl-Istat rikjedenti u t-trasferiment temporanju ta' persuna miżmuma għal raġunijiet ta' depożizzjoni jew għal finijiet probatorji oħrajn.

Hemm ukoll dispożizzjonijiet partikolari li jittrattaw l-assistenza fi proċedimenti dwar l-iffriżar jew is-sekwestru u l-konfiska ta' rikavati jew mezzi strumentali.

Fl-aħħar nett, klawżola finali tippermetti lill-partijiet kollha jipprovdu lil xulxin kull tip ta' assistenza permessa mil-leġiżlazzjoni tal-Istat rikjest u maqbula bejn Stat Membru u l-Ġappun.

L-assistenza legali tista' tingħata permezz ta' talba formali jew inkella permezz ta' skambju ta' informazzjoni spontanju. F'dan il-każ, jistgħu jiddaħħlu restrizzjonijiet għall-użu tal-informazzjoni trażmessa.

It-talba għal assistenza legali għandha sseħħ b'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Istat rikjest, għalkemm jistgħu jinqablu proċeduri speċifiċi. F'każ li l-eżekuzzjoni tat-talba joħloq problema prattika fl-Istat rikjest, hu previst li dan tal-aħħar ikun jista' jikkonsulta l-Istat rikjedenti biex tinstab soluzzjoni għal din il-kwistjoni. Fl-istess ħin jekk l-eżekuzzjoni ta' talba tiddisturba xi proċedura nazzjonali, l-Istat rikjest ikun jista' jirrinvija l-eżekuzzjoni tagħha.

Rigward ir-raġunijiet ta' rifjut, minbarra r-raġunijiet "klassiċi" ta' rifjut, bħal reati politiċi, il-prinċipju *ne bis in idem*, il-manipulazzjoni ta' talbiet għal finijiet diskriminatorji u talbiet li x'aktarx joħolqu preġudizzju għas-sovranità, is-sikurezza, l-ordni pubbliku jew l-interessi essenzjali tal-Istat rikjest, tajjeb li tiġi enfasizzata r-rilevanza tad-dispożizzjoni għall-protezzjoni tal-Istati Membri bl-użu possibbli tal-Ftehim f'każ ta' proċedimenti għal atti kriminali li jistgħu jkunu sanzjonati bil-piena kapitali.

B'mod partikolari, bi qbil mal-pożizzjoni kemm-il darba dikjarata tal-Unjoni Ewropea li titlob l-abolizzjoni tal-piena kapitali jew tal-inqas għal moratorju fl-użu tagħha, il-Ftehim jistipula li l-Istat rikjest jista' jikkunsidra li l-eżekuzzjoni ta' talba rigward att kriminali li jista' jkun sanzjonat bil-piena kapitali tista' tippreġudika l-interessi essenzjali tiegħu u għalhekk jista' jirrifjutaha. Madankollu, l-Istat rikjest, jista' dejjem jaċċetta talba ta' kooperazzjoni f'każ li jirnexxilu jiftiehem mal-Istat rikjedenti dwar il-kundizzjonijiet li skonthom it-talba tkun tista' tiġi eżegwita.

Fl-aħħar nett hemm provvediment għall-osservanza tal-prinċipju ta' inkriminazzjoni doppja f'każijiet fejn ikunu meħtieġa miżuri ta' koerċizzjoni.

F'ġieħ il-kooperazzjoni leali, kull rifjut għandu jiġi preċedut minn konsultazzjonijiet bejn l-Istati interessati.

Fost il-ħafna garanziji li fih il-Ftehim hemm stipulazzjoni li mat-talbirt jeħyieġ li jkun hemm traduzzjoni tad-dokument f'lingwa li tinftiehem mid-destinatarju tagħha.

L-Artikolu 11(3) jistipula li ma tistax tiġi rrifjutata l-assistenza minħabba raġunijiet ta' segretezza bankarja. Ir-rapporteur jemmen li fil-futur ddan ir-rekwiżit jista' jiġi estiż biex jinkludi s-segretezza professjonali, li tista' tiġi invokata mill-avukati jew mill-membri ta' professjonijiet legali regolati. Madankollu r-rispett lejn is-segretezza professjonali m'għandux jinżamm jekk jgħatti attivitajiet kriminali evidenti.

Fir-rigward tal-ksib ta' informazzjoni dwar kontijiet bankarji, il-ġbir ta' depożizzjonijiet jew dikjarazzjonijiet u l-ġbir tal-provi, kull miżura ta' koerċizzjoni, inklużi l-perkwiżizzjoni u s-sekwestru, jistgħu jitwettqu mill-Istat rikjest jekk dawn jidhru li jkunu ġustifikati skont il-liġijiet ta' dak l-Istat. Jidher li dawn id-dispożizzjonijiet huma sostnuti b'garanziji proċedurali sodisfaċenti.

Anke fir-rigward ta' kwistjonijiet oħrajn, bħat-turija ta' provi, it-trasferiment ta' dokumenti, l-iffriżar, is-sekwestru u l-konfiska ta' rikavati u mezzi strumentali, l-Istat rikjest għandu jagħmel ħiltu biex joffri assistenza lill-Istat rikjedenti sal-istess punt u skont l-istess kundizzjonijiet li jkunu disponibbli għall-awtoritajiet investigattivi tiegħu, u għalhekk sal-punt permess mil-liġijiet tiegħu. Għalhekk jidher li hemm salvagwardji adegwati għall-partijiet fil-Ftehim.

M'hemm xejn li jżomm lill-partijiet f'dan il-Ftehim milli jwettqu attivitajiet paralleli relatati mal-istess materja kriminali b'konformità ma' ftehimiet internazzjonali oħrajn jew milli jikkonkludu ftehimiet li jikkonfermaw, jissupplimentaw, jestendu jew jamplifikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim speċifiku.

**3. Konklużjonijiet**

Id-dispożizzjonijiet li jiffurmaw is-suġġett tal-Ftehim għandhom l-għan li jwasslu għal assistenza legali li tkun kemm jista' jkun effikaċi u kapaċi tittratta l-isfidi tal-lum, filwaqt li tiżgura salvagwardji adegwati.

Fl-aħħar nett, l-istandards ta' protezzjoni previsti f'dan il-Ftehim jidhru li jisbqu dawk garantiti fi ftehimiet simili, inklużi wħud konklużi reċentement.

Fid-dawl ta' dan kollu ta' hawn fuq, m'hemmx raġunijiet speċifiċi kontra l-adozzjoni tal-Ftehim.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 23.6.2010 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 40<br>–: 2<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Roberta Angelilli, Gerard Batten, Mario Borghezio, Simon Busuttil, Carlos Coelho, Cornelis de Jong, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Tanja Fajon, Kinga Gál, Nathalie Griesbeck, Sylvie Guillaume, Ágnes Hankiss, Anna Hedh, Salvatore Iacolino, Sophia in ‘t Veld, Lívia Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Timothy Kirkhope, Juan Fernando López Aguilar, Clemente Mastella, Louis Michel, Claude Moraes, Georgios Papanikolaou, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Csaba Sógor, Renate Sommer, Rui Tavares, Wim van de Camp, Axel Voss, Manfred Weber, Tatjana Ždanoka |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Alexander Alvaro, Edit Bauer, Andrew Henry William Brons, Anna Maria Corazza Bildt, Ioan Enciu, Nadja Hirsch, Franziska Keller, Petru Constantin Luhan, Mariya Nedelcheva, Kyriacos Triantaphyllides |